# Il-Periklu ta' Logħob tan-nar li ma jkunx inħaraq

- Ivan Bugeja

Matul is-snin fil-gżejjer Maltin seħħew numru t'inċidenti relatati mal-logħob tan-nar fejn fihom korrew numru ta' persuni, wħud minnhom ħafif u oħrajn saħansitra gravi. Każi bħal dawn fil-passat ġraw meta persuni jkunu ġabru u bagħbsu materjal piroteknku li huma stess ikunu sabu wara li dan ma jkunx inħaraq fil-festa. Tajjeb ngħidu li huwa ħażin ħafna li persuna bla esperjenza tbagħbas fil-logħob tan-nar. Iżda, tajjeb ngħidu wkoll illi huwa fir-responsabbiltà ta' min jaħraq in-nar li jispezzjona u jnaddaf iż-żona minn fejn ikunu ġew maħruqa l-murtali minn kull fdal perikoluż li jkun waqa' mingħajr ma nħaraq. Fil-fatt il-liġi hekk titlob, imma sfortunatament xi drabi x-xogħol tat-tindif ma jsirx bl-attenzjoni meħtieġa.



Kull darba li jinstab logħob tan-nar li ma jkunx inħaraq, tqum il-problema ta' kif dan il-materjal għandu jkun immaniġġjat b'mod responsabbli. Użanza kemmxejn komuni u prattikata hi dik li d-dilettanti tan-nar jiftħu l-murtali mhux maħruqa sabiex jerġgħu jużaw il-materjal ta' ġo fihom. Din hija prattika li sfortunatament jista' jkollha konsegwenzi serji għal min ikun qed jagħmel l-operazzjoni li hi daqstant delikata u perikoluża.

L-esperti pirotekniċi dejjem saħqu li l-logħob tan-nar m'għandu qatt ikun immanipulat, ħlief biex jitpoġġa fl-ilma (u hawnhekk wieħed irid joqgħod attent ukoll għat-tip ta' kimika wżata għax hemm minnha li tista' tagħmel reazzjoni meta tkun imxarrba bl-ilma, bħal ngħidu aħna il-manesja ~ Mg). Normalment il-materjal splussiv jitpoġġa fl-ilma sabiex ma jkunx jista' jiġi imqabbad b'mod aċċidentali jew anki forsi bi ħsieb. Hawnhekk tajjeb ngħidu li l-ilma jservi wkoll sabiex idewweb materjal pirotekniku ossidanti bħan-nitru ~ $(KNO_3)_2$, il-putassa ~ $KClO_3$, il-perklorat ~ $KclO_4$, flimkien ma' metalli bħal klorat tal-barrit ~ $Ba(ClO_3)_2$ kif ukoll id-destrina ~ $(C_{18}H_{32}O_{16})_n$.



Tajjeb ngħidu wkoll li l-ilma ma jdewwibx il-metalli elementali u lanqas lill-kubrit ~ S, lill-faħam ~ C u xi sustanzi oħra. Dan il-proċess normalment isir biex jifred parzjalment l-ossidanti mill-*fuels* u b'hekk l-isplussiv ikun newtralizzat.



Ir-residwu solidu mill-operazzjoni tat-tixrib ħafna drabi jkun taħlita ta' ossidant li ma jkunx inħall fl-ilma, flimkien ma' *fuels* (bħal ngħidu aħna antimonju ~ $Sb_2S_3$, metalli u oħrajn). B'hekk dawn ir-residwi jkunu jistgħu jaqbdu jew jisplodu ladarba jerġgħu jinfxu. Għalhekk materjal bħal dan għandu jkun maħruq f'post ippreparat apposta jew inkella mħallat ma' materjal li ma jaqbadx bħax-xaħx tal-ġebla tal-franka. Wara dan il-materjal għandu jkun mormi f'lokalita' apposta bħala skart tossiku solidu.

Sadanittant, fl-ilma li jkun intuża fil-proċess tat-tidwib ikun hemm ukoll residwi ta'ossidanti kif ukoll xi materjali li huma *fuels* (bħad-destrina). F'każi bħal dawn, l-ilma m'għandux ikun mormi fis-sistema tad-drenaġġ, iżda għandu jkun ttrattat u wara mormi b'mod li ma jikkawżax periklu jew ħsara lill-ambjent. Min-naħa l-oħra jekk l-ilma wżat fil-proċess ikun evaporat, is-solidi li jikkristallizza għandhom ikunu meqjusa bħala materjal splussiv u għalhekk għandhom jiġu meqruda bin-nar jew imħallta ma' materjal li ma jaqbadx biex jitilfu il-kapaċita' li jaqbdu jew jisplodu. Wara dan il-materjal għandu jkun mormi bħala skart tossiku solidu.




Xi ħaġa tal-aħħar hi dwar il-*plastic* li f'dawn l-aħħar snin qed ikun użat minflok l-iskrataċ tal-karti u l-kartun. L-ewwel nett l-użu tal-*plastic* hu illegali għax jagħmel ħsara lill-ambjent u barra minnhekk il-proċess fejn fih jintuża l-ilma mhuwiex ir-rakkomandat għall-fatt illi l-ilma ma jippenetrax fl-iskrataċ tal-*plastic*. Din hi raġuni oħra għaliex id-dilettanti tal-logħob tan-nar m'għandhomx idaħħlu l-*plastic* f'xogħol tal-piroteknika.

Nagħlaq dan l-artiklu billi nawgura l-festa t-tajba lill-qarrejja kollha ta' dan il-ktejjeb.